# L-Isla u Cassino

## *Ir-Rabta bejn Malta u l-Italja permezz ta' Senglean*



**minn James Farrugia** B.A. (Hons.) M. Dip.

Wieħed jistaqsi kif l-awtur ta' dan l-artiklu għażel li jikteb fuq dan is-suġġett, fejn l-Italja fl-2006, kienet fiċ-ċentru ta' dawk li jissejħu *alti e bassi*. Fil-futbol, per eżempju kellna l-lat negattiv u dak pożittiv fejn taħt id-dell ta' l-ikbar skandlu fil-futbol Taljan għal dawn l-aħħar 26 sena, kien hemm ukoll ir-rebħa tat-Tazza tad-Dinja li saret fil-Ġermanja. Ħa niġu għas-suġġett tagħna. Għaliex l-Isla u Cassino? Għaliex Malta u l-Italja? Ir-risposta hija waħda: Dom Mauro Inguanez, Benedittin imwieled l-Isla fl-1887, u li miet fis-17 ta' Ottubru 1955.

## Dom Mauro Inguanez 1887-1955

Min kien Dom Mauro? Dom Mauro Inguanez kien Senglean li daħal fl-Ordni tal-Benedittini sa minn età żagħżugħa. Mill-bidu tal-ħajja Benedittina tiegħu ttrasferixxa ruħu fl-Italja, preċiżament fl-Abbazija storika ta' Montecassino, fejn beda jagħmel xogħol importantissimu ġewwa l-Abbazija; dik li jżomm l-Arkivji fil-Biblijoteka prestiġġjuża ta' l-istess Abbazija. L-akbar kontribut li taha Dom Mauro kien żgur li rnexxielu jsalva l-biċċa l-kbira tad-dokumenti u teżori artistiċi milli jinsterqu u jispiċċaw għand il-ġerarka Nażista Hermann Goering. Il-kontribut lill-istorja Ewropeja ta' dan il-bniedem kien wieħed straordinarju, għas-sempliċi raġuni li rnexxielu jsalva mill-qirda diversi dokumenti storiċi medjevali u opri artistiċi oħrajn. Li ma kienx għall-insistenza tiegħu sabiex dawn l-opri jiġu trasferiti temporanjament ġewwa l-Bażilika ta' San Paolo Fuori Le Mura ġewwa Ruma, dawn kienu jinqerdu għal kollox. Dan seħħ ftit qabel il-bumbardament ta' l-alleati fuq l-Abbazija ta' Montecassino fix-xitwa ta' l-1944. B'hekk nistgħu ngħidu, li Dom Mauro Inguanez huwa eroj fl-istorja Ewropeja. Dom Mauro rritorna Malta wara li spiċċat l-aħħar gwerra u qatta' l-aħħar tmien snin ta' ħajtu bħala l-librar ewlieni ta' l-Arkivji Nazzjonali ta' Malta, sakemm miet fis-17 ta' Ottubru 1955. Illum il-ġurnata l-abbati Mons. Bernardo D'Onorio, stqarr li Dom Mauro Inguanez huwa personaġġ magħruf ħafna ġewwa Montecassino u kien biblijotekarju kbir.

## L-Isla u Cassino

Il-kuntatti bejn iż-żewġt ibliet bdew fil-bidu tas-sena 2000, fuq proposta tiegħi meta kont kunsillier; proposta li ġiet milqugħa unanimament mill-Kunsill ta' dak iż-żmien. Dakinhar is-Sindku ta' Cassino, Dott. Tullio Di Zazzo, kien wera x-xewqa li jagħmel ġemellaġġ ma' belt Maltija b'rabta speċjali mat-Tieni Gwerra Dinjija. Dak iż-żmien meta waslet il-proposta bħala kunsillier responsabbli mir-relazzjonijiet internazzjonali, kont ħtaft l-okkażjoni biex inressaq quddiem il-Kunsill il-proposta



*Ir-ritratt fuq in-naħa tax-xellug juri l-Abbazija ta' Montecassino mibnija mill-ġdid wara l-gwerra.*



*Ir-ritratt fuq in-naħa tal-lemin juri l-Abbazija mġarrfa wara l-bumbardament ta' l-allejati fi Frar ta' l-1944.*



*Triq il-Vitorja ġewwa l-Isla fi żmien it-Tieni Gwerra Dinjija.*

sabiex jibdew il-proċeduri għal dan il-ġemellaġġ, fuq dawn iż-żewġ punti:

1. L-Isla u Cassino, it-tnejn li huma sfaw kważi kompletament meqruda mill-bumbardamenti ta' l-għadu.
2. Dom Mauro Inguanez u r-rwol tiegħu li jsaħħaħ ir-rabta bejn iż-żewġt ibliet.

Il-ġemellaġġ eventwalment seħħ fit-12 ta' Lulju 2003, meta ġie ffirmat mis-Sindku ta' Cassino – Dott. Bruno Vincenzo Scittarelli (li sadanittant kien ħa post is-Sindku preċedenti Dott. Tullio Di Zazzo) u s-Sindku Senglean – is-Sur Joseph Casha, ġewwa Cassino. Liema ffirmar kelli x-xorti li nkun preżenti għalih. Ftehim li ġie rafforzat ġewwa l-Isla fil-festa ta' Marija Bambina ta' l-istess sena. B'hekk seħħ l-ewwel ġemellaġġ storiku ta' beltna, li kellu jkun mal-belt ta' Cassino.

## Konklużjoni

B'hekk nistgħu ngħidu li r-rabta bejn Malta u l-Italja permezz taż-żewġt ibliet rispettivi, l-Isla u Cassino, kompliet issaħħet permezz tal-persuna ta' Dom Mauro Inguanez; Senglean li għamel ġieħ lil beltu u lil Malta barra minn xtutna. Għalhekk ħassejtni fid-dover li nfakkruh anke permezz ta' dan l-artiklu għal dan il-programm tal-festa 2006, tas-Soċjetà *'La Vincitrice'* (li inċidentalment huwa wkoll isem Taljan li jkompli mat-tema ta' dan l-artiklu). Punt ieħor ta' min isemmih huwa l-fatt li l-Iskola Primarja ta' l-Isla hija wkoll imsemmija għal Dom Mauro Inguanez; xhieda kemm dan il-persunaġġ huwa importanti fis-sena skolastika ta' uliedna Sengleani.

## Parentesi Storika

Għalkemm m'għandhiex x'taqsam ma' l-artiklu tagħna ħassejt li għandi nsemmiha għax għandha rabta mal-belt ta' Cassino. Eżatt 70 sena ilu, waqt l-Olimpjadi tas-sajf ta' Berlin fl-1936, li baqgħu magħrufa bħala l-Olimpjadi ta' Hitler, kulħadd naħseb sema' bil-kapaċità ta' l-atleta iswed Amerikan Jesse Owens. Matul dawn l-Olimpijadi kien wassal biex Hitler jabbanduna l-*istand* fejn kien qiegħed isegwi l-logħob. Fl-*Olimpiastadion* ta' Berlin (proprju l-*ground* fejn din is-sena ntlagħbet il-final tat-tazza tad-dinja), Owens irnexxielu jirbaħ erba' midalji tad-deheb. F'waħda minn dawn l-*events*, il-kompetitur ewlieni ta' Owens kien l-atleta Ġermaniż Carl Ludwig Long, jew aħjar magħruf bħala Luz Long. Long kellu jikkompeti għall-midalja tad-deheb kontra Owens fil-*long jump*. Soprendentement, għal ħafna, minflok il-mibegħda razzjali li kienet tirrenja fil-Ġermanja ta' dak iż-żmien, nibtet ħbiberija sinċiera bejn dawn iż-żewġ atleti. Din il-ħbiberija ġiet mitmuma ħesrem proprju fil-battalja ta' Cassino ta' l-1944, fejn Luz Long (li dak iż-żmien kien qiegħed iservi fil-*Wehrmacht* jew aħjar l-armata Ġermaniża) inqatel fil-battalja, u ġie midfun fiċ-ċimiterju militari Ġermaniż ġewwa Cassino. Meta Owens sema' bil-mewt ta' Long, kien iddispjaċih ħafna u saħansitra ġie kkwotat li qal li tilef ħabib kbir u sinċier.



*Long u Owens jiddiskutu qabel l-'event' tagħhom fil-'Long Jump' ta' l-Olimpjadi ta' Berlin fl-1936.*


**Bibliografija**

J. Flask – *Dom Mauro Inguanez OSB; Biblijotekarju Ewlieni*, BOV Publication 1985.

Dr. Carol Jaccarini – *Dom Mauro Inguanez benedectine of Montecassino*, PEG 1987, sponsored by Mid-Med Bank.

*Website* uffiċjali tal-belt ta' Cassino.
*Website* uffiċjali tal-Kunsill Lokali Isla.
*Website* uffiċjali tal-mużew ta' l-Olimpjadi ta' Berlin 1936.




*Fir-ritratt jidher is-Sindku ta' Cassino, Dott. Bruno Vincenzo Scittarelli (lemin) jippreżenta l-bandiera ta' Cassino lis-Sindku tal-Belt Senglea – is-Sur Joseph Casha (xellug). Fin-nofs jidher ukoll is-Sur Stephen Perici (ex-Sindku ta' l-Isla).*



*L-iffirmar tal-ġemellaġġ mal-belt ta' Cassino nhar is-7 ta' Settembru 2003, fil-Kunsill Lokali Senglea. Jidhru fir-ritratt Dott. Bruno Vincenzo Scittarelli (lemin), is-Sindku – is-Sur Joseph Casha (nofs), is-Sur Stephen Perici (ex-Sindku fl-isfond) u s-Segretarju tal-Kunsill Lokali Senglea – is-Sur Alphonse Zammit.*